

# Programm
# tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ
# SANTA MARIJA
# Patruna tar-Raħal

mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1981

# LINDA STORE

MONS. P. P. SAYDON STREET,

ZURRIEQ.

Prop: Paul Cardona Tel: 827215

**Issibu dak kollu li tiġu bżonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-aħjar.**

- **Tnaqqis Speċjali għall-Ħlas fil-Pront**
- **Ħlas bin-Nifs Aċċettat Ukoll**

# The White Cross Dispensary

ST BASIL STREET, MQABBA

*Stockist of:*

**Patents, Cosmetics and all Baby Foods and requisits**

**Trust your Hairdresser . . . Her special secret . . . Natural styling method . . .**

**Only your Hairdresser can give you that Special Style**

**For longer lasting style contact**

# STYLES SALON

**13, ST. CATHERINE STREET, MQABBA**

**GĦAL KULL XOGĦOL TA' ALUMINIUM, APERTURI, GALLARIJI, GRADI U OĠĠETTI DEKORATTIVI**

*IRRIKORRU*

# Le Mans Garage

**Cemetery Road,**

**Mqabba.**

**TEL: 829748**

# Jikteb il-Kappillan

*Għeżież Ħuti Mqabbin,*

*Daqs xahrejn ilu, jien għalaqt sena magħkom. Ippruvajt naqdi dmirijieti lejkom mill-aħjar li stajt. Minkejja ħafna nuqqasijiet, għax kulħadd bniedem, jiena ħabbejtkom bil-kelma u fl-għemil u Alla l-Imbierek ħallasni b'imħabba akbar bir-rispett li wrejtuni u bit-talb kontinwu lil Alla u Ommu Marija għall-bżonnijiet tiegħi u ta' sħabi s-saċerdoti.*

*Għaqda bħal din hi wisq importanti bejn Parroċċa u r-Ragħaj tagħha. Tant li tfakkarni fl-istess għaqda bejn il-Madonna u binha Ġesù.*

*Ġesù għex fiHa, ħa l-istess nifs tagħHa, anzi l-istess demm u ħajja. Kien jgħix il-ħajja t'Ommu Marija, iħoss dak li tħoss Hi, jixtieq dak li tixtieq Hi...... ħajja ta' Mħabba, ta' Paċi, ta' Fraternità...... ħajja armonjuża tant bżonnjuża bejn il-Merħla u r-Ragħaj tagħha.*

*U Ġesù sar Bniedem, mhux biss biex isalvana, iżda wkoll biex igawdi lil Marija bħala Ommu u jismagħha ssejjaħlu "IBNI".*

*Dan, għeżież Imqabbin, għandu jkun l-ispirtu li bih inhejju ruħna għall-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema. Kemm tista' Marija ssejħilna 'ULIEDI', bħal Ġesù? Kemm irridu aħna. Kemm aħna kapaċi ngħixu fiHa fis-Sagramenti, fit-Talb u fil-Karita (Mħabba) mal-bqija tal-parroċċa.*

*PARROĊĊA hija SABIĦA daqs kemm tħalli lill-MADONNA tara fiha FAMILJA waħda. PARROĊĊA tkun ĠIFA daqskemm tinqeda bil-FESTI tal-Madonna biex iġġib FIRDA fl-istess familja.*

*Il-ferħ tagħna f'dawn il-jiem għandu jkun ġenwin. Ferħ li jnissel ferħ fl-oħrajn. Ferħ ġej mill-Madonna u mhux riżultat tal-ħidma tax-xitan.*

*U l-Ferħ li nixtieq jien lill-Parroċċa kollha huwa l-istess Ferħ li ħass Ġesù għax sar Iben veru ta' Marija.*

*Il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, fil-Parroċċa u barra mill-Parroċċa. Merħba wkoll lil dawk li jixtiequ jiġu jifirħu magħna.*

*Kappillan*
*Father Willie*

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

*Il-Ħamis, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina.*

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*It-Tlieta, 11 t'Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu.*

6.30 p.m. Quddiesa Kantata minn W.R. Mons. Lawrence Spiteri, bl-Omelija 'Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem'.

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve. Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

10·8·81 7.30 p.m. Isir il-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija. Kant ta' l-innu Ave Maris Stella u Antifona.

*L-Erbgħa, 12 t'Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu.*

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Giuseppe Sapiano bl-Omelija 'Marija, Sultana tas-Sema u l-Art'.

7.15 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

*Il-Ħamis, 13 t'Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu.*

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata speċjali għall-morda u x-Xjuħ mill-W.R. Kappillan Dun Lino Grech bl-Omelija 'Marija, Saħħa tal-Morda'. Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

7.45 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

*Il-Ġimgħa, 14 t'Awissu — Lejlet il-Festa.*

8.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Willie Vella. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Traslazzjoni solenni tar-Relikwija mmexxija mill-W.R. Mons. Philip Calleja.
Quddiesa solenni mill-W.R. Karm Bianco, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*Is-Sibt, 15 t'Awissu — Jum il-Festa*

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Philip Calleja li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m., 11.30 a.m. Quddies.

6.00 p.m. Sekondi Vespri Solenni mill-W.R. Kappillan Dun

Willie Vella, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-Kappillan tal-istess parroċċa.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. (1) Il-Ġimgħa, lejlet il-Festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

(2) Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P., L.R.S.M.

*Is-Sibt, 22 t'Awissu — L-Ottava tal-Festa.*

7.00 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Għall-installazzjoni tad-dawl fid-djar u twaħħil ta' Aerials u Boosters**

*Irrikorru:*

**ANTHONY BUSUTTIL**

**108, PARISH STREET, MQABBA.**

**— ĦLAS MODERAT —**

**GHAL XOGHOL FL-INJAM TA' KWALITA GHOLJA BI PREZZIJIET MODERATI**

*Irrikorru:*

**ID-DITTA SACCO BROS. WOODWORK**
**Qrendi Road,**
**Mqabba.**

**TEL: 822355**

# Kelmtejn mill-President

*"Kienet festa sabiħa...... prosit!" "Kienet kwieta u organizzata sewwa." Kien kliem sabiħ li smajt wara l-festa Santa Marija 1980. Kien ta' sodisfazzjoni għall-Kumitat il-qadim u ta' kuraġġ għall-Kumitat il-ġdid li kien ser jiġi ffurmat għas-sentejn li ġejjin.*

*Imżewwaq b'nies ta' esperjenza u entużjażmu, il-Kumitat il-ġdid mill-ewwel ħaseb sabiex waqt li jerġa' jorganizza festa sabiħa, jaħdem ħalli jara l-Każin tagħna miżmum kif jixraq. Illum, wara ħafna sagrifiċċji għandna s-sala li tpaxxi lil kull min ser iżur il-każin tagħna...... ser naraw bandisti ġodda...... inżanżnu bandiera tal-Banda, u issa nbeda x-xogħol fuq l-armar.*

*Ħafna kienu li ħadmu, taw l-għajnuna finanzjarja, u ħadmu bla ħlas. B'dan kollu kburin u b'hekk stajna nlaħħqu x-xogħol ħalli nkunu nistgħu nonoraw kif jixraq lis-Surmast maħbub tagħna, il-Kav. George Martin A. (MUS) LCM, S. M.O.S.J. li ser jiċċelebra l-25 sena li ilu Direttur tal-Banda tagħna.*

*Id-delettanti tan-nar ħadmu kontra ħafna kurrenti, iżda xorta ser ikunu lesti sabiex isebbħu l-festa mill-aħjar li jistgħu.*

*Ħdimna flimkien, u hekk nispera li fil-jiem li ġejjin kulħadd jagħti s-sehem tiegħu mill-aħjar li jista', materjalment u finanzjarjament ħalli bħas-snin ta' qabel, ikollna festa sabiħa li togħġob lil kulħadd speċjalment li tixraq lil Marija Mtellgħa s-Sema.*



Ix-xogħol fis-sala tmexxa mis-Sur Ġanni Pace, Tarxien. Xogħol sar, però baqa' ħafna xi jsir. Hija x-xewqa tas-soċjetà illi jinxtraw tliet linef kbar, kif ukoll pittura kbira, biex jiżżanżnu s-sena d-dieħla. Inħeġġu l-partitarji biex ikunu ġenerużi bħal dejjem fl-offerti tagħhom.

# FESTI TA' BARRA

*Il-Ħamis, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina.*

8.00 p.m. Mixegħla tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin King George V.

*It-Tnejn, 10 t'Awissu — Ħruġ tal-Istatwa.*

8.15 p.m. Toħroġ l-istatwa artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Issir iċ-ċerimonja ta' tberik ta' bandiera ġdida li wara tittella' għall-ewwel darba u tagħti bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet li ser isiru ad unur is-Surmast Direttur tal-Banda King George V Mro. George Martin A(MUS) LCM S.M.O.S.J. f'egħluq il-25 sena li ilu Direttur tal-Banda. Il-Banda King George V tesegwixxi marċi mat-toroq tar-Raħal u wara tagħmel programm ħdejn il-Każin. Jindaqq l-Innu lil Marija Assunta, kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus., LCM., S.M.O.S.J. Ikantaw it-Tenur Joe Huber L.R.S.M. u l-Baxx Frank Galea A.Mus. LCM. mal-kor tax-xebbiet tal-istess Soċjetà. Wara jsir riċeviment ad unur is-Surmast Direttur GEORGE MARTIN.

*It-Tlieta, 11 ta' Awissu — L-EWWEL TRIDU.*

8.15 p.m. Il-Banda Duke of Connaught ta' B'Kara tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal.

*L-Erbgħa, 12 t'Awissu — IT-TIENI TRIDU.*

8.15 p.m. Il-Banda Beland taż-Żejtun tferraħ it-toroq tar-Raħal b'marċi brijużi.

*Il-Ħamis, 13 t'Awissu — IT-TIELET TRIDU.*

8.15 p.m. Il-Banda King George V tferraħ ir-Raħal b'sett ta' marċi ġodda.

10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar.

*Il-Ġimgħa, 14 t'Awissu — LEJLIET IL-FESTA.*

7.30 p.m. Marċi mar-Raħal mill-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa.

9.00 p.m. Marċi brijużi mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

9.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-kulur u beraq pront.

10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku.

*Is-Sibt, 15 t'Awissu — JUM IL-FESTA*

2.00 p.m. Xandir ta' marċi ġodda fuq Cable Radio mill-Banda King George V.

6.00 p.m. Il-Baned Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-Raħal u wara programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. Toħroġ il-proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin KGV il-Banda Queen Victoria ddoqq INNU LIL MARIJA ASSUNTA.



# KAV. MRO. GEORGE MARTIN

A(MUS) LCM S.M.O.S.J.

## F'EGHLUQ IL-25 SENA DIRETTUR TAL-BANDA KING GEORGE V, MQABBA

Is-Surmast George Martin, beda l-karriera mużikali tiegħu ta' eta żgħira ħafna mal-Banda Queen's Own ta' l-Isla, u billi mill-bidu nett wera li għad javanza ħafna, il-Kumitat ta' dak iż-żmien iddeċieda li jibagħtu għal studju avvanzat taħt iċ-Ċelebri Maestro Professur Gaffarelli, u kien hawn li huwa żviluppa bħala wieħed mill-aqwa strumentalisti, fejn apparti strumenti mużikali oħrajn, huwa speċjalizza fil-French Horn. Żmien wara huwa kompla jistudja taħt il-bravu Mro. Carmelo Pace FLCM, LRSM għad-Diploma ta' Associate of the London College of Music fejn ħa kors intensiv fl-Armonija, Kontrapunt, Fuga, Strumentazzjoni, Komposizzjoni u Storja tal-Mużika. Is-Surmast Martin, issa ilu Surmast Direttur tal-Banda tagħna għal dawn l-aħħar 25 sena, imma huwa kien ukoll għal żmenijiet twal Surmast Direttur ta' diversi baned f'Malta, bħal San Leonard ta' Ħal-Kirkop, Queen's Own ta' l-Isla u Vilhena tal-Furjana, u dan barra li hu ġie magħżul biex jidderieġi l-Banda Nazzjonali għal tliet darbiet.

Minn barra li Mro. Martin huwa tista' tgħid wieħed mill-ewwel Maltin li ġie aċċettat bħala membru tal-Performing Rights Society ta' Londra, huwa kellu wkoll l-unur kbir li l-biografija tiegħu ġiet imdaħħla fid-Dictionary of International Biography, dizzjunarju li huwa awtorità u famuż mad-dinja kollha.

Il-komposizzjonijiet tiegħu, minbarra numru kbir ta' marċi brijużi, kif ukoll funebri, jinkludu erba' Concert-Overtures, fantasija mużikali, Momente Romantique, u żewġ Innijiet Grandjużi, għal Banda, Solisti, u Kor, wieħed lil San Leonardu u ieħor lil Patruna ta' l-Imqabba, Marija Santissma Mtellgħa s-Sema, li mill-1966, meta żżanżan, baqa jindaqq kull sena, u li bih is-Soċjetà tagħna hija tant kburija.

Fl-4 ta' Marzu tal-1974, Mro. George Martin, ġie wkoll onorat billi nħatar Kavallier di Grazzia ta' l-Ordni Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u dan għall-kapaċità tiegħu fil-qasam mużikali.

Għalkemm is-Surmast George Martin, ma huwiex wild l-Imqabba, huwa b'dana kollu jħoss, anzi jixtieq, li bħal dejjem ikompli jiġi meqjus bħala wieħed minna, mill-Imqabba bħalna.

Ħaġa li ma nixtieqx ninsa nsemmi, hi, li Mro. George Martin, għandu devozzjoni u mħabba kbira lejn il-Patruna Glorjuża ta' l-Imqabba, Santa Marija, li hija meqjuma fil-Knisja Parrokkjali tagħna.

Is-Soċjetà tagħna tħossha kburija bis-Surmast Martin u waqt li tirringrazzjah ta' kull ma jagħmel għall-ġid tal-Banda tagħna tawguralu aktar suċċessi 'l quddiem. B'turija ta' apprezzament, din is-sena is-Soċjetà tagħna f'isem is-Surmast Direttur, ser tippreżenta bandiera ġdida tal-Banda li tittella' għall-ewwel darba fl-10 t'Awissu, jum iddedikat lis-Surmast maħbub tagħna GEORGE MARTIN.

## INNU LIL SANTA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA

Ave Marija bil-grazzja mimlija
Sellimlek l-Anġlu fil-milja tas-snin.
W'aħna ntennulek uliedek imġarrba
Dejjem ħarisna u żommna safjin. etc.

*Versi Patri J. M. Ghigo S.J.*

Il-partitura maħduma mis-Surmast Kav. George Martin A(mus) LCM, S.M.O.S.J. tikkonsisti f'diversi partijiet li fihom 22 minuta mużika hija kollha meħuda mill-versi riprodotti hawn fuq.

## INNU MARĊ MARIA ASSUNTA

*Versi u Mużika: Leonard Farrugia Ass. Surmast KGV Mqabba*

F'dan il-jum għażiż għalina
Aħna nkantaw u niċċelebraw
Lilek Marija.

Li minn din l-art irxuxtajt
U li fis-sema tlajt
Ma' l-anġli trijunfajt
Fil-ġenna tlajt.

*Refrain*
Omm sabiħa omm ħanina
Aħna lilek inqimuk
Ħarstek fittex ixħet fuqna
Aħna lilek inħobbuk.
O Marija O Marija......

Minn qalbna lkoll nitolbuk
Li fis-sema niġu ngawduk
Ommna Marija.

**GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL TA' FERRO BATTUTO U APERTURI TAL-ĦADID**

*Irrikorru:*

**ROBERT FARRUGIA**
**66, Valletta Road, Mqabba**

# Rendikont –

# Festa ta' Santa Marija – 1980

**DĦUL:**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | £M 38 98 3 |
| Ġbir bl-'envelopes' | 488 41 4 |
| Reklami u offerti oħra | 38 00 0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 30 00 0 |
| Kontribuzzjoni għall-elettriku mill-K.Ġ.V. | 30 00 0 |
| Dħul Totali | £M625 39 7 |

**ĦRUĠ:**

| | |
|---|---|
| Orkestra | £M169 00 0 |
| Personnel barrani | 48 00 0 |
| Stampar ta' programmi | 30 00 0 |
| Funzjonijiet — Kwindiċina u Festa | 12 00 0 |
| Fjuri u xorb | 7 60 0 |
| Organista | 19 75 0 |
| Armar fil-Knisja | 25 00 0 |
| Daqq ta' qniepen/Anterni/Standarti | 26 00 0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja/Kampnar/Koppla | 196 70 0 |
| Konsum ta' l-elettriku | 30 00 0 |
| Trasport barrani | 6 00 0 |
| Ħruġ Totali | £M570 55 0 |

| | |
|---|---|
| Dħul | £M625 39 7 |
| Ħruġ | 570 55 0 |
| Bilanċ għal din is-sena | £M 54 84 7 |

Fil-jiem tal-Festa jsir sparar tal-musketterija, ħruq ta' kaxxi nfernali, beraq pront u murtali tal-kulur. In-nar kollu huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.


**ELLUL WOODWORK – MQABBA**

**GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL TA' APERTURI. AMARA U KOLONNI TAT-TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI**

*irrikorru*

**Ellul Woodwork**

**Valletta Road, Mqabba.**



## For Car & Bus Hire

# ST. JOSEPH GARAGE

Tel. 826496

(Proprietor)

## EUGENIO SCIBERRAS & SONS

**45 & 62, VALLETTA ROAD, MQABBA.**

---

# " ST. PETER "

## Ironmongery &
## Household Goods

**by JOSEPH FARRUGIA**

NEW STREET OFF TAS-SEJBA ROAD. MQABBA.

TEL: 821485




**FARELL** BATHROOM CENTRE

Electrical & Plumbing

Triq is-Sajjieda, Zurrieq. Telephone: 822396

# *KRISTIANNE PHARMACY*

Stockists:

**PHARMACEUTICALS, PERFUMES, COSMETICS, BABY PRODUCTS, ETC.**

N/S OFF ST. INNOCENT STREET,

MQABBA.

Veritas Press - Zabbar